ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

23 FEB 2021

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 538**

**It-Tnejn 25 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**538.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

538.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**538.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

538.2.1 Il-minuti tal-537 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

**538.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

538.3.1 Is-Sindku qal illi kien inbeda l-proġett ta' *resurfacing* ta' toroq minn *Infrastructure Malta* fi Triq il-Baħrija, Triq iż-Żabrella, Triq id-Dliela, Triq il-Madaffa u f'diversi toroq fil-*Housing Estate*. Is-Sindku żied jgħid li wara diversi diskussjonijiet mal-entitajiet konċernati u bl-għajnuna tal-Onorevoli Clyde Caruana, il-Ministru responsabbli mill-Finanzi, kien sar qbil sabiex il-proġett kollu nkluż l-ispejjeż tas-servizzi u l-kostruzzjoni tal-bankini, jiġu ffinanzjati minn *Infrastructue Malta*.

538.3.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġranet li għaddew kien sar xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Kunvent fil-parti ta bejn Triq il-Kbira u Triq id-Dukkar. Barra minn hekk kien għaddej xogħol ta' modifikazzjoni fil-pjazza li hemm fi Triq il-Kittien kantuniera ma' Triq Santa Duminka sabiex jiżdied il-parkeġġ.

538.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta minn Radju Hompesch dwar applikazzjoni għal-liċenzja tax-xandir tar-radju fil-komunità. Is-Sindku qal li d-Direttur ta' Radju Hompesch kien talab sabiex il-Kunsill juri appoġġ u jagħti n-*no objection* tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti appoġġ lil Radju Hompesch kif mitlub.

538.3.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ingħata erba' laned taż-żebgħa tal-marki tal-karreġġjata b'xejn mir-Reġjun Xlokk.

538.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa tar-Reġjun Xlokk ġiet diskussa l-possibilità li jinħoloq VR tal-parroċċa f'kull lokalità. Is-Sindku spjega li dan il-proġett virtwali kien ser jiswa €1,580. Is-Sindku żied jgħid li l-ispiża kienet ser tiġi rimborsata lura mir-Reġjun Xlokk. Is-Sindku kompla jgħid li dan il-proġett setgħa jiġi abbinat mal-proġett tal-*mobile app.* Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma l-ftehim mal-kumpanija *Spinningphotos.com* sabiex isir il-VR tal-parroċċa permezz tar-Reġjun Xlokk.

538.3.6 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi

organizzat kunċert virtwali fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma kienx isib oġġezzjoni li tiġi organizzata din l-attività. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill jiddeċiedi kemm kien ser jalloka fondi sabiex issir din l-attività. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk l-għaqda kinitx talbet xi ammont partikolari. Is-Sindku qal illi fil-korrispondenza ma kienx hemm figuri mniżżla. Is-Sur Angelo Scicluna ssuġġerixxa li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għandha tiġi nfurmata li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dan il-kunċert virtwali jittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, pero' għandu jintalab x'kien qed jiġi mistenni li jitħallas mill-Kunsill. Minħabba l-pandemija relatata mal-COVID 19, is-Sindku ssuġġerixxa li din l-għaqda għandha tintalab tagħmel *risk assessement* minn persuna professjonali għal din l-attività. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li minħabba s-sitwazzjoni preżenti l-Kunsill għandu jitlob id-dettalji kollha u jistaqsi xi prekawzjonijiet kienu ser ikunu qed jittieħdu matul din l-attività. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jintalbu d-dettalji dwar l-attività lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kif ukoll li tkun suġġettiva skont id-direttivi maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa.

538.3.7 Dwar il-polza ta' assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, qabel unanimament li jġedded il-polza għall-ħlas ta' €65.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

538.3.8 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' finanzjament għall-iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields* fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. L-għan ta' dan il-finanzjament hu li l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali jgħin lill-Kunsilli Lokali jiżviluppaw u jtejbu il-*playing fields* fil-lokalità. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li permezz ta' din l-iskema il-Kunsill ibiddel it-tapiti tal-lakstu li hemm taħt it-tagħmir tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill kif ukoll sabiex jibdel it-*turf* li hemm fil-*playing field* Ġnien Tamara Psaila.

538.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi flimkien mal-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kien iffirma l-kuntratt tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure* u żied jgħid li dan il-proġett kien ser jiġi mħabbar fuq il-midja soċjali fil-ġranet li ġejjin.

538.3.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qiegħed fil-proċess sabiex jixtri *payroll software* ġdid. Dan peress illi l-kumpanija li kienet qed tipprovdi s-sapport fuq is-sistema tal-*payroll* kienet għalqet. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara *software* ġdid.

538.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien iltaqa' ma' membru mill-Kurja sabiex jiddiskuti t-talba li saret biex Dar Sagra Familja tinbidel f'dar għall-anzjani. Is-Sindku qal illi matul din il-laqgħa huwa ġie nfurmat li l-Kumitat tal-Kurja kien ser jiltaqa' sabiex jiddiskuti l-proposta tal-Kunsill. Barra minnhekk is-Sindku qal illi

kien sar qbil mal-Kurja sabiex qabel ma tiġi sottomessa il-proposta monetarja jsiru aktar laqgħat. Is-Sindku ppropona biex għal dawn il-laqgħat jattendi huwa bħala Sindku f'isem il-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Brian Farrugia li kien l-espert li qed iħejji l-proposti għad-Dar tal-Anzjani lill-Kurja. Is-Sindku kompla jgħid li wara li jsir qbil, din il-proposta tgħaddi għand l-avukat u n-nutar sabiex wara tgħaddi għall-approvazzjoni tal-Kunsill, għand id-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali biex finalment isir *Memorandum of Understanding* bejn il-Kunsill u l-Kurja. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa ma kienx qed jiġi nfurmat dwar il-laqgħat mal-Kurja u li kien qed jiġi njorat. Is-Sur Buttigieg talab li bħala Kunsillier responsabbli mid-dekasteru għall-anzjani huwa għandu jkun infurmat minnufih dwar materji li jkunu relatati mad-dekasteru tiegħu. Il-Viċi Sindku qalet li anke hi kienet tħalliet barra fit-tħawwil tas-siġar li kienu saru fi Triq San Ġużepp u saret taf minn fuq il-midja soċjali. Is-Sindku qal illi proġett ta' tħawwil ta' siġar kien ta' *Infrastructure Malta* u din il-materja diġa kienet issemmiet fil-laqgħat preċedenti tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qalet li ma kinitx infurmata dwar il-ġurnata ta' meta kien ser isir it-tħawwil tas-siġar. Is-Sindku qal illi huwa kien ġie nfurmat filgħodu stess permezz ta' telefonata. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li matul il-laqgħa li jmiss mal-Kurja jattendu s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Brian Farrugia.

538.3.12 Is-Sindku rrefera għall-fondi tad-*development plannning funds* li hemm segregati għall-NGO's u qal illi kien hemm għaqdiet u NGO's fil-lokal li kienu nteressati li jagħmlu xogħol ta' restawr fuq il-binja tagħhom permezz ta' dawn il-fondi. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jgħin lil NGO's sabiex ikunu jistgħu jibbenifikaw minn 100% tal-fondi tad-*development plannning funds*. Is-Sur Joseph Vella issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

538.3.13 Is-Sindku talab li jsir tibdil fl-amministrazzjoni tal-paġna tal-FB tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'tip ta' tibdiliet kien qed jipproponi li jsiru. Is-Sindku qal illi ma kienx sodisfatt bis-servizz. Is-Sindku spjega li mhux l-ewwel darba li kellu jagħmel il-*posts* tal-paġna tal-Kunsill huwa stess. Is-Sindku żied jgħid li xtaq itejjeb il-prodott finali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinbidel l-amministratur tal-paġna tal-FB tal-Kunsill.

538.3.14 Is-Sindku rrefera għat-tħawwil ta' siġar li kien sar riċentement minn *Infrastructure Malta* fi Triq San Ġużepp u qal li diġa kienu nsterqu xi wħud mis-siġar. Is-Sindku nforma l-Kunsill illi kien ser isir rapport lill-pulizija dwar dan.

538.3.15 Dwar Jum Ħaż-Żabbar is-Sindku qal illi kienu ser jinxtgħelu diversi binjiet fosthom il-Mina ta' Hompesch u żied jgħid li għall-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar, nhar it-Tnejn, 1 ta' Frar, fis-6.00 ta' filgħaxija kienet ser issir quddiesa fil-knisja Arċipretali u Santwarju. Is-Sur Joseph Vella talab lis-Sindku sabiex jintgħażlu l-Kunsillieri li ser ikunu qed jaqraw u jew itellgħu l-offerti matul il-quddiesa.

538.3.16 Dwar il-proġett tal-*mobile app* is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ġabar il-kwotazzjonijiet u kien ser imexxi bl-orħos offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku jressaq il-kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu approvati. Is-Sindku qal illi l-orħos kwotazzjoni sabiex tiġi pprovduta *mobile app* kienet għall-prezz ta' €4,900 VAT eskluż, l-orħos offerta sabiex jiġu pprovduti t-tabelli kienet għall-prezz ta' €4,950 eskluż il-VAT, l-orħos offerta sabiex isir *filming* u *filming* bi *drome* u *editing* kienet għall-prezz ta' € 2,118 eskluż il-VAT filwaqt li l-orħos offerta għal-fotografija ta' mitt ritratt kienet ta' € 1,400 eskluż il-VAT. Is-Sur Mark Grech talab biex ikun jaf l-ismijiet tal-kuntratturi minħabba li jista' jkollu kunflitt ta' nteress. Is-Sur Grech qal illi l-kwotazzjonijiet għandhom jintbgħatu lill-membri tal-Kunsill minn qabel il-laqgħa sabiex b'hekk ikunu jistgħu jilħqu jarawhom. Is-Sur Mark Grech iddikjara li kellu kunflitt ta' nteress dwar din id-deċiżjoni peress illi wieħed mil-kuntratturi huwa prim kuġin tiegħu u għalhekk talab li jkun skużat sakemm tiġi diskussa din il-materja sabiex ma jieħux sehem f'din id-diskussjoni u fid-deċiżjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos kwotazzjonijiet.

538.3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien inxtara l-vann il-ġdid. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-prezz sabiex in-*number plate* jiġi personalizat għal *ZABBAR LC* kien ferm għola minn kemm kien ħaseb li jiswa u għalhekk minflok in-number ġie ppersonalizzat għal ZLC001. Is-Sur Joseph Vella talab biex il-ħaddiema ikunu responsabbli għall-mod ta' kif jintuża vann. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux possibbli li jkun hemm persuna waħda biss responsabbli għall-vann għax inkella f'każ ta' *leave* jew *sick* il-vann ma jkunx jista' jintuża. Is-Sur Vella qal illi huwa ma kienx qed jgħid biex il-vann jinstaq minn ħaddiem wieħed biss iżda biex ma tinqabisx il-kapaċita tat-tagħbija.

538.3.18 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza relatata ma' titjib fil-pjazez urbani minn Ambjent Malta. Is-Sindku spjega li din il-miżura kienet immirata biex tiżdied il-ħdura fil-pjazez urbani u l-Kunsilli jkunu jistgħu jibbenifikaw minn finanzjament ta' Ambjent Malta sabiex jiġu ristrutturati il-pjazez billi jitħawwlu siġar u arbuxelli fl-art. Dawn l-ispejjeż ser ikopru fost oħrajn ristrutturar bħal pavimentar ġdid, tħaffir tal-fosos tal-pjanti etc. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien diġa bagħat jinforma lill-Ambjent Malta li l-Kunsill kien interessat jipparteċipa f'din l-iskema u żied jgħid li kienet ser tintalab laqgħa ma' Ambjent Malta sabiex jiġu diskussi l-proposti. Il-Viċi Sindku talbet li tkun preżenti għal din il-laqgħa.

538.3.19 Is-Sindku qal illi nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar, 2021 flimkien mal-Kunsillier Joseph Vella kien ser jattendi għaċ-ċerimonja tal-*Eden Awards.*

538.3.20Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar, 2021 kien ser jattendi wkoll laqgħa *online* għall-proġett *Coastal Sage* dwar proġett kollaborattiv li qed jiġi implimentat mill-MTIP flimkien mal-Università ta' Malta. Huwa kkonċernat dwar l-erożjoni kostali u l-monitoraġġ tal-bidliet kostali, għall-iskop tal-ġestjoni kostali.

538.3.21 Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet għal-laqgħa.

538.3.22 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jiġi orgnanizzat kunċert bis-*social distancing* minn mużiċist fil-banda "brodu" fit-Teatru Grieg. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsill dwar din l-attività. Is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri qalet li sakemm jiġu rispettati d-direttivi tal-Awtorità tas-Saħħa ma ssibx oġġezzjoni li jiġi organizzat dan il-kunċert. Is-Sindku ssuġerixxa li jinħareġ permess sabiex jiġi organizzat kunċert bis-*social distancing,* jintalab li jsir *risk assessment* u li matul dan il-kunċert ikun hemm preżenza ta' uffiċjal sabiex tinżamm id-distanzja soċjali. Is-Sur Joseph Agius qal illi ma kienx jaqbel mas-suġġeriment tas-Sindku u qal li l-Kunsill għandu joħroġ il-permess għal din l-attività skont id-direttivi tal-Awtorità tas-Saħħa biss. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ permess sabiex jiġi organizzat kunċert bis-*social distancing* skont id-direttivi tal-Awtorità tas-Saħħa.

**538.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

538.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sottokumitat.

**538.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

538.5.1 Is-Sur Joseph Agius rrefera għall-kontijiet tat-tiżjin tal-Milied li kien hemm imniżżla fl-iskeda ta' pagamenti. Is-Sur Agius staqsa liema dawl dekorattiv kien inkera peress illi kien intqal li t-tiżjin kien ser jinxtara sabiex jintuża matul is-snin ta' wara. Is-Sindku spjega li kien inxtara d-dawl dekorattiv għal Triq is-Santwarju filwaqt li kienu nkrew id-disinji bid-dawl dekorattiv għaż-żona tal-Biċċieni, Misraħ is-Sliem, *Housing Estate*, Plier u Alessio Erardi.

538.5.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Diċembru 2020 u l-25 ta' Jannar 2021 li kienet tammonta għal €75,611.49.

538.5.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Ottubru 2020 li kien jammonta għal €5.83, Novembru 2020 li kien jammonta għal €28.57 u Diċembru 2020 li kien jammonta għal €12.40.

**538.6 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati**

538.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2020.

538.6.2 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-Assistent Prinċipal jingħata 6%, żewġ Uffiċjali Eżekuttivi jingħataw 6%, Uffiċjal Eżekuttiv tingħata 5% (pro rata) għall-perjodu li ħadmet mal-Kunsill u Uffiċjal Eżekuttiv tingħata 4% (pro rata) għall-perjodu li ħadmet mal-Kunsill.

538.6.3 Fis 7.35 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

**538.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar Kuntratt ZLC 6/2019

538.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 6/2019 għall-offerti tal-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet

**538.8 Tisbiħ ta' Pjazez Urbani**

538.8.1 Is-Sindku qal illi din il-materja diġa kienet ġiet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa ma' Ambjent Malta sabiex jiġu diskussi l-proposti ta' tisbiħ. Il-Viċi Sindku reġgħet talbet li tkun preżenti għal din il-laqgħa.

**538.9 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

538.9.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura ISC999 dwar inċident li allegatament seħħ, fejn talab kumpens ta' €75 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-rapport tal-pulizija kien hemm imniżżel li l-allegatament inċident seħħ fi Triq Ħaż-Żabbar filwaqt li fl-ittra kien hemm imniżżel Triq Ħaż-Żabbar/ Triq Wied il-Għajn. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

538.9.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura JBU601 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Santa Duminka, fejn talab kumpens ta' €251.99 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [2]

538.9.3 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura EBT557 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Biċċieni, fejn talab kumpens ta' €160.01

mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [3]

538.9.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva rikors t'Appell b'konnessjoni mad-deċiżjoni finali mingħand iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ dwar seduta (M5491/2018). Is-Sindku żied jgħid li din it-talba għall-ħlas kienet marbuta ma' ħsara li għamel sid ta' vettura fi Triq iċ-Ċimiterju kantuniera ma' Triq il-Fiġel, Ħaż-Żabbar. Il-Qorti iffissat is-smiegħ ta' din il-kawża għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar, 2021.

538.9.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva taħrika ta' xhud b'konnessjoni ma' kawża legali bejn żewġ ġirien fi Triq il-Baruni. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isiru *double line* faċċata ta' garaxx fi Triq il-Baruni minħabba li t-triq ma kinitx wiesgħa biżżejjed u sid il-garaxx kien qed isib diffikultà biex jidħol u joħroġ. Wara li l-Kunsill ingħata l-approvazzjoni ta' Transport Malta u għamel is-sinjali mitluba, wieħed mil-ġirien allega u ppreżenta dokument li juri li d-*double lines* saru fi proprjetà privata, filwaqt li l-ġar l-ieħor ippreżenta dokument li juri li dawn is-sinjali kienu saru fi proprjetà pubblika. Is-Sindku żied jgħid li minħabba li l-Kunsill kellu żewġ dokumenti li juru l-oppost, is-sinjali tneħħew sakemm jiġu verifikati dawn id-dokumenti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jistenna l-esitu tal-Qorti qabel ma' jerġa' jagħmel dawn is-sinjali.

**538.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

538.10.1 Is-Sur Joseph Agius ressaq talba li kien irċieva mingħand sid il-*bar* tal-klabb tal-boċċi li hemm fi Ġnien il-Kunsill sabiex jingħata l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħmel kaxxa żgħira, fil-passaġġ tal-bandli, fuq barra tal-klabb biex isservi bħala *drain* u jintrema ż-żejt tal-ikel fiha.

538.10.2 Fit-8.50 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat. Emendati

538.10.3Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lil sid il-*bar* tal-klabb tal-boċċi sabiex jiddiskuti iktar fid-dettall din it-talba. Is-Sur Agius spjega li jekk id-*drain* isir fit-triq prinċipali kien ser ikun hemm problema meta jiġi l-*bowser* minħabba li t-triq kienet traffikuża. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-*bowser* kienx ser jidħol fil-ġnien biex ibattal id-*drain*. Is-Sur Agius qal li l-*bowser* kien ser jipparkja fi Triq Tumas Dingli u jbattal id-*drain* permezz ta' *pipe*.

538.10.4 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti dwar tnaqqis ta' servizzi mil-*Primary Health Clinic*. Is-Sur Agius talab li l-Kunsill jagħmel pressjoni fuq l-Awtoritajiet sabiex jiżdiedu s-servizzi. Is-Sindku qal il-Berġa kienet qed topera skont l-istruzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment tas-Saħħa u żied jgħid li ma kienux tnaqqsu s-servizzi. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien naqas is-servizz tat-tabib.

538.10.5 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' staqsa lis-Sindku meta kienu ser jiltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskutu dwar iż-*zebra crossing* u r-*road hump* fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal illi ser jiffissa appuntament mal-Perit.

538.10.6Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil *Transport Malta* sabiex isir bdil fis-sistema tal-*one ways* ta' Triq it-Tilliera u Triq is-Silla. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qabel ma ssir it-talba lil *Transport Malta,* irid isir studju u l-Perit tal-Kunsill iħejji proposta ta' *traffic management* taż-żona. Is-Sindku qal illi l-istudju u t-*traffic management* kien għadu ma sarx. Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *traffic management* fi Triq il-Fiġel wkoll. Is-Sindku qal illi l-Perit kien qed jaħdem fuq proġetti oħra.

538.10.7Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku jekk kienx tkellem mar-resident li ressaq l-ilment tar-*road hump* li hemm fi Triq San Ġużepp. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

538.10.8 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir iż-*zebra crossing* maġenb il-gwand tas-St Patrick kif ukoll sabiex isiru l-*pelican crossing* quddiem il-Park ta' San Klement.

538.10.9 Dwar iż-*zebra crossing* ta' quddiem il-Park ta' San Klement, il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa li l-pubbliku jiġi nfurmat dwar il-kawża ta' dan id-dewmien.

538.10.10 Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sur Angelo Scicluna talab li jkun skużat.

538.10.11 Il-Kaptan Patrick Barbara ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti relatat mal-proġett ta' riorganizzazzjoni tal-parkeġġ fi Triq il-Kittien peress illi f'din iż-żona kien jinżel ħafna ilma tax-xita wara li tagħmel xi maltempata. Is-Sindku qal illi kien ser isir kanal sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jiskula tul it-triq.

538.10.12 Il-Viċi Sindku talbet lis-Sindku jibgħat permezz ta' *email* lista ta' bankini li jkun ser isir xogħol ta' manutenzjoni, skont l-ordni ta' kif ser isiru, sabiex b'hekk tkun aġġornata dwar ix-xogħol li jkun qed isir mil-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin mistenni jibda xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina li hemm fi Triq Tumas Dingli, il-parti ta' bejn Triq il-Kunvent u Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal li l-lista hija l-istess waħda li kienet ġiet ippreżentata matul il-laqgħa tal-Kunsill u żied jgħid li minħabba l-entitajiet governattivi mhux dejjem ikun possibli li x-xogħol isir skont l-ordni mnħabba s-servizzi li jkunu għaddejjin taħt il-bankini. Is-Sur Joseph Buttigieg talab biex il-Kunsilliera jibdew jiġu nfurmati permezz ta' *email* qabel ma jibda x-xogħol ta' manutenzjoni.

538.10.13 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li tissolva l-problema tal-għargħar li hemm fi Triq Felice ma' Triq Lia peress ma kienx qed jinżel l-ilma fil-*culvert*. Is-Sindku qal illi l-problema ma kinitx ġejja mill-*culverts* tal-ilma iżda kien jeħtieġ li tinqala' t-triq.

538.10.14 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet lis-Sindku meta kienu ser isiru d-*double gates* fid-*dog park*. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol kien fil-lista sabiex isir mill-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk. Is-Sinjorina Bongailas talbet li tkun infurmata meta jkun ser isir dan ix-xogħol.

**538.11 Mozzjonijiet**

538.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**538.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

538.12.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

538.12.2 Il-laqgħa spiċċat fis-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-539 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku